**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Supretendent Martin Bayliss**
**V**

**GEORGE CARUANA**

**Illum, 25 ta' April, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GEORGE CARUANA** ta’ disgha w hamsin sena bin l-mejjet John u l-mejta Rosaria nee Pace, imwieled l-Hamrun nhar s-sebgha ta' Frar, 1941 u joqghod 'Lardor House', Triq E. B. Vella, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 124141M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-lejl ta' bejn s-sitta w ghoxrin ta' Dicembru, 1999 w s-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru, 1999 f'xi hin matul il-lejl, minn Triq Anglu Gatt, Mosta;

1. ikkommetta serq ta' truck tal-ghamla Bedford bin-numru ta' registrazzjoni CAA 645, registrat f'isem Bonavia Stores

Limited, Mosta u liema vettura hija stmata li tiswa aktar minn elf lira maltin izda ma teccidix l-hamest elef lira maltin u liema vettura kienet moghbbija b'diversi ghodda u makkinarju u cioe *Hoists-Electrohydraulic Autolifts* tal-marka OMCN S.p.a., kollox proprjeta ta' Joseph Bonavia mill-Mosta u liema ghodda u makkinarju gew stmati li jiswew aktar minn elf lira mltin, izda inqas minn hamest elef lira maltin u liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hekk kif imsemmija fl-ewwel akkuza, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

3. talli b'diversi atti maghmulin minnu stess, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, fit-tnax ta' Mejju, 2000 kif wkoll qabel din d-data gewwa garaxx minghajr numru fi Triq Zahra, B'Kara, proprjeta tal-

imputat, zamm u kellu fil-pussess tieghu senter awtomatiku tal-ghamla Vursan minghajr *serial number* u pistola tal-ghamla Phoenix Arms, kalibru ta' 0.25mm, bis-*serial number* 3014056 liema arma kienet ikkargata, kif wkoll munizzjon minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, hekk kif imsemmija fl-akkuza ta' qabel din, meta gie fil-pussess tal-imsemmija armi tan-nar u minizzjon xort'ohra milli b'licenzja, naqas li minnufih jaghti avviz taghhom lil Kummissarju tal-Pulizija;

5. f'isem l-Kontrollur tad-Dwana gie akkuza talli fit-tnax ta' Mejju, 2000 u/jew f'xi data qabel, instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu, billi kellu depositat ghandu:

   a. senter semi awtomatiku tal-marka Vursan 92/A, minghajr numru tas-*serie*;

   b. pistola awtomatika tal-marka Phoenix Arms kalibru Raven 0.25 awtomatiku bin-numru tas-*serie* 3014056 li l-importazzjoni ta' tali oggetti

hawn fuq imsemmija hija pprojbita u/jew ristretta, li dawn kollha ghandhom valur ta' erbghin lira maltin u dazju ta' tlett liri u erbgha w ghoxrin centezmu, ghoxrin lira maltin u dazju ta' lira u tnejn u sittin centezmu .

6. F'isem il-Kummissarju tal-VAT gie akkuzat talli fit-tnax ta' Mejju, 2000 u/jew xi data qabel nstab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew that il-kontroll tieghu billi kellu depositat ghandu:

   a. senter semi awtomatiku tal-marka Vursan 92/A, minghajr numru tas-*serie*;

   b. pistola awtomatika tal-marka Phoenix Arms kalibru Raven 0.25 awtomatiku bin-numru tas-*serie* 3014056 li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita u/jew ristretta, li dawn kollha ghandhom valur ta' erbghin lira maltin u dazju ta' tlett liri u erbgha w ghoxrin centezmu, ghoxrin lira maltin u dazju ta' lira u tnejn u sittin centezmu.

Valur totali ta' erbgha w sittin lira maltin u sitta w tmenin centezmu u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa ammontanti ghal disgha liri maltin u tlieta w sebghin centezmu, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur tal-artikolu 80 tal-Att dwar t-Taxxa fuq l-Valur Mizjud (Att Numru XXIII tal-1998).

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Frar, 2002 esibiti f'dawn l-atti a fol 264.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tas-sebgha w ghoxrin ta' Marzu, 2002.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Jannar, 2002 u ghal darb'ohra nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu, 2002 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif addebitati lilu.

Rat il-fedina penali tal-imputat li tinsab esibita a fol sitta tal-atti odjerni markata bhala dokument CSH minn fejn jirrizulta li fis-sena 1987 l-imputat kien inghata R&A dwar xi ksur ta' kontravenjonijiet naxxenti mill-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif wkoll fis-sena 1989 meta inghata R&A ghal darb'ohra dwar xi ksur ta' kontravenzjonijiet ohra.

Rat li l-imputat kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument tar-rilaxx tal-istqarrija tieghu a tempo vergine nhar t-tlettax ta' Mejju, 2000, liema ko-operazzjoni ghenet lil Prosekuzzjoni biex issolvi l-kaz taghha fi zmien qasir.

Rat li sid il-vettura u cioe Victor Cuschieri irtira d-Dodge bin-numru ta' registrazzjoni IAD 869 esibita fl-atti b'verbal tal-Qorti tas-sebgha ta' Novembru, 2000 u ghalhekk danni materjali ma sofriex.

Rat li Joseph Bonavia, Direttur tas-socjeta Bonavia Stores Limited kien irtira l-makkinarju esibit f'dan l-atti fil-bidu nett tal-proceduri u cioe fl-ewwel seduta dik tad-dsatax ta' Mejju, 2000 u dan wara li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni ghal tali rilaxx u ghalhekk hsara materjali ma gewx sofferti.

Fic-cirkostanzi ghalhekk u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, **il-Qorti** thoss li ghandha timponi piena karcerarja sospiza u **ghalhekk qed tikkundanna lil imputat GEORGE CARUANA ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin, salv li l-istess imputat ma jikkommettix reat iehor lil tieghu jinstab hati f'dan il-perjodu.**

**In oltre, il-Qorti qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin liema multa ai termini tal-artikolu 14(2) ghandha tithallas fi tlett pagamenti mensili u konsekuttivi ta' mitt lira l-wiehed b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut fl-ahhar ta' dan x-xahar ta' Marzu, 2002.**

**Il-Qorti ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti esibiti minn PS 154 Jesmond Cassar mar-relazzjoni tieghu fosthom s-senter semi awtomatiku Vursan bla numru tas-serie u tal-pistola semi awtomatika bin-numru 3014056.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din s-sentenza lil imputat li ddikjara li fehem ben tajjeb x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**